MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 108/2008

**Talba Nru: 108/08 PBC**

**Mark Pace u Carmen Pace – I.D. 547677(M) u 513078(M) rispettivament ezercenti l-kummerc taht l-isem Marcar Services**

**-vs-**

**Francis sive Frankie Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma t'elf, erba' mija u tlieta u sebghin Euro u hames centezmi (€1,473.05) – (Lm632.38c) rapprezentanti ammont mhux imhallas fuq servizzi ta' kiri ta' karozzi u affarijiet ancillari liema ammont qatt ma thallas avolja gie debitament interpellat. Bl-imghax u spejjez legali inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 6593/07.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'elf, erba' mija u tlieta u sebghin Euro u hames centezmi (€1,473.05) – (Lm632.38c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------